MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 338/2007

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**Vs**

**Euro Chemie Products Limited**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-sebgha (7) ta’ Novembru 2007 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ elf sebgha mija, erbgha u sittin liri Maltin u sebghin centesmu (LM1,764.70) rapprezentanti kontribuzzjonijiet ghas-snin 2002, 2003, 2004, 2005, 2006 u 2007 (ara l-prospett anness u mmarkat “Dok A”), oltre l-imghaxijiet mid-dati ta’ meta l-kontribuzzjonijet gew dovuti, u cioe mill-wiehed u tletin (31) ta’ Marzu 2002, mill- wiehed u tletin (31) ta’ Marzu 2003, mill- wiehed u tletin (31) ta’ Marzu 2004, mill-wiehed u tletin (31) ta’ Marzu 2005, mill- wiehed u tletin

(31) ta’ Marzu 2006, u mill- wiehed u tletin (31) ta’ Marzu 2007, rispettivamet sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mill-ligi, u dan in forza tal-Istatut tal-Assocjazzjoni attrici (anness u mmarkat Dok B).

Nonostante li giet interpellata thallas diversi drabi, inkluz b’ittra bonarja datata hamsa (5) t’April 2007 annessa u mmarkata bhala Dok. C, is-socjeta konvenuta hija ngunta ‘n subizzjoni.

Rat illi is-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni nhar it-tmienja (8) t’Ottubru 2008 skond kopja tal-gazetta lokali *The Independent* esebita fl-atti a fol. 25, u fil-Gazzetta tal-Gvern datata tnax (12) ta’ Settembru 2008 skond kopja esebita fl-atti a fol. 20, oltre li giet notifikata bl-affissjoni fl-indirizz imsemmi fl-avviz u cioe 209, ‘Mabrouka’, Old Bakery Street, Valletta, nhar il-hamsa (5) ta’ Settembru 2008 u kopja ta’ l-avviz gie wkoll moghti l-Ghassa tal-Pulizija, Valletta u lill-Kunsill Lokali, Valletta fl-istess jum tal-hamsa (5) ta’ Settembru 2008 fol. 21 tergo.

Rat illi fis-seduta tad-dsatax (19) ta’ Jannar 2009 is-socjeta konvenuta giet imsejha diversi drabi, izda baqghet ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici, ssib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ erbat elef mija u disgha euro (€4109) ekwivalenti ghal elf sebgha mija, erbgha u sittin liri Maltin u sebghin centesmu (LM1,764.70) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------